Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Frar 2022**
**(OR. en)**

**6086/2/22**
**REV 2**

**SOC 70**
**EMPL 44**
**SAN 74**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 5263/16 |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta’ Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol |

1. Il-mandat tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, ser jiskadi fit-28 ta' Frar 2022.

2. Skont l-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill għal perijodu ta' tliet snin.

3. Is-Segretarjat tal-Kunsill irċieva l-listi tan-nomini tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza mġedded, kif jinsabu fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dok. **5379/2/22 REV 2**[1].

[1] Test iffinalizzat mill-Ġuristi-Lingwisti.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għaldaqstant jissuġġerixxi li l-Kunsill:

(a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, bħala punt "A", u

(b) jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.